IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 23.11.2011
KUMM(2011) 802 finali

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## dwar l-użu ta' aġenti kuntrattwali fl-2010

# WERREJ

1. Introduzzjoni .......... 3

2. L-evoluzzjoni fin-numru ta' uffiċjali kuntrattwali fi ħdan il-Kummissjoni mill-2004 4

3. Distribuzzjoni tal-aġenti kuntrattwali tal-kummissjoni skont is-sess u skont il-grupp tal-funzjoni .......... 4

4. Distribuzzjoni tal-aġenti kuntrattwali tal-kummissjoni skont in-nazzjonalità .......... 4

5. Distribuzzjoni tal-aġenti kuntrattwali tal-kummissjoni skont is-servizz .......... 4

5.1. Distribuzzjoni skont is-sess u skont il-grupp tal-funzjoni .......... 4

5.2. Distribuzzjoni skont it-tip ta' kuntratt .......... 4

6. Distribuzzjoni tal-aġenti kuntrattwali fl-Istituzzjonijiet l-oħrajn u fl-Aġenziji .......... 4

ANNESSI .......... 4

## 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jissodisfa l-obbligu statutorju li jirriżulta mill-Artikolu 79(2) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni (KAAO) li jistipula li "*[i]l-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport kull sena dwar l-użu tal-persunal bil-kuntratt inkluż in-numru tal-persunal, il-livell u t-tip ta' posizzjonijiet, il-bilanċ ġeografiku u r-riżorsi tal-estimi għal kull grupp tal-funzjoni.*" Dan ir-rapport jagħti stampa dettaljata ħafna tal-aġenti kuntrattwali (minn hawn 'il quddiem l-AK) li kien hemm fil-post fil-31 ta' Diċembru 2010, filwaqt li d-dejta dwar il-baġit (li tintbagħat kull sena lill-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill – Dokument ta' Ħidma, Parti II li jakkumpanja kull dikjarazzjoni tal-istimi tal-Kummissjoni) tinkludi tabella dwar l-AK preżenti meta ġie ppreżentat l-abbozz tal-baġit (inklużi l-AK reklutati permezz tad-dħul allokat), jiġifieri t-tabella fl-1 ta' April tas-sena N-1 (fejn "N" hija s-sena tal-abbozz tal-baġit), l-implimentazzjoni tal-baġit fis-sena N-1 u t-talbiet fi krediti bi stima bħala ekwivalenti għal impjegati full time għas-sena N.

Dan għaldaqstant jispjega d-differenzi li jista' jkun hemm bejn iż-żewġ rapporti dwar in-numru tal-AK.

F'dan ir-rapport hemm id-dejta dwar l-Istituzzjonijiet Ewropej u l-Aġenziji, fis-sens tar-Regolamenti tal-Persunal, kollha. Id-dejta għall-Kummissjoni hija aktar dettaljata u tinkludi l-persunal iffinanzjat mill-linji operazzjonali u ta' riċerka, persunal fl-uffiċċji, id-Delegazzjonijiet, ir-Rappreżentanzi u l-JRC

L-Artikolu 80 tal-KAAO jistabbilixxi rabta bejn il-grupp tal-funzjoni u l-kompiti li jistgħu jitwettqu minn AK:

| Grupp tal-funzjoni | Gradi | Kompiti |
|---|---|---|
| IV | minn 13 sa 18 | Kompiti amministrattivi, konsultattivi, lingwistiċi u kompiti tekniċi ekwivalenti, imwettqa taħt is-sorveljanza ta' uffiċjali jew aġenti temporanji |
| III | minn 8 sa 12 | Kompiti eżekuttivi, ta' abbozzar, ta' kontabbiltà u kompiti tekniċi ekwivalenti, imwettqa taħt is-sorveljanza ta' uffiċjali jew aġenti temporanji |
| II | minn 4 sa 7 | Kompiti klerikali u segretarjali, il-ġestjoni ta' uffiċċju u kompiti ekwivalenti, imwettqa taħt is-sorveljanza ta' uffiċjali jew aġenti temporanji |
| I | minn 1 sa 3 | Kompiti manwali u ta' appoġġ amministrattiv, imwettqa taħt il-kontroll ta' uffiċjali jew aġenti temporanji |

Il-kategorija tal-aġenti kuntrattwali nħolqot fl-2004. Minn dak iż-żmien, l-AK taw kontribut siewji għall-ħidma tal-Istituzzjonijiet billi wettqu, bi spejjeż aktar baxxi, attivitajiet ta' appoġġ amministrattiv u billi pprovdew ħiliet li mhumiex dejjem disponibbli fl-Istituzzjoni. Fl-aħħarnett, għandu jiġi nnutat li mindu tneħħiet il-kategorija D, ma ġiet organizzata l-ebda

kompetizzjoni għal uffiċjali biex iwettqu l-kompiti ta' messaġġiera (ħlief fil-Parlament), ta' xufiera u kompiti oħra li tipikament huma tal-livell tal-Grupp tal-Funzjoni (GF) I. Mill-2004 ġew ingaġġati biss AK tal-GF I għal dan it-tip ta' kompitu u dawn jistgħu biss jaspiraw għal kuntratt għal żmien indeterminat taħt ċerti kundizzjonijiet li jinsabu fil-KAAO u fid-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni għall-aġenti kuntrattwali.

## 2. L-EVOLUZZJONI FIN-NUMRU TA' UFFIĊJALI KUNTRATTWALI FI ĦDAN IL-KUMMISSJONI MILL-2004

Fl-aħħar tas-sena 2010, in-numru totali ta' AK għall-istituzzjonijiet u aġenziji kollha kien laħaq kważi 9000 unità (8863); madwar żewġ terzi minnhom huma impjegati mill-Kummissjoni. Id-distribuzzjoni fid-dettal skont l-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji se tiġi analizzata aktar 'l isfel.

L-evoluzzjoni mill-2004 fi ħdan il-Kummissjoni kienet kif ġej:

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Numru ta' AK** | 514 | 2787 | 4966 | 5494 | 5756 | 6018 | 5979 |
| ***Xejra S/S*** | | *442,2%* | *78,2%* | *10,6%* | *4,8%* | *4,9%* | *-0,6%* |

Din iż-żieda fin-numru tal-AK, li mbagħad stabilizza għal madwar is-6000 persuna, hija dovuta, minn naħa, għat-tneħħija progressiva tal-aġenti awżiljari (kien hemm kważi 3000 aġent awżiljari fl-2003) u s-sostituzzjonijiet tagħhom minn awżiljari AK (l-Artikolu 3b tal-KAAO) kif ukoll, min-naħa l-oħra, għas-sostituzzjoni tal-kategorija preċedenti D minn AK (l-Artikolu 3a tal-KAAO), kif ukoll għall-konverżjoni tal-postijiet ta' uffiċjali f'postijiet ta' AK fl-Uffiċċji. L-ingaġġar ta' aġenti kuntrattwali sar l-aktar għas-sostituzzjoni temporanja ta' persunal statutorju, kif previst fl-Artikolu 3b tal-KAAO.

In-numru ta' AK żdied kull sena sal-2009, u mbagħad naqas ftit fl-2010. Madankollu, dan it-tnaqqis ma għandux jiġi interpretat bħala l-bidu ta' tnaqqis permanenti. Dan huwa pjuttost dovut għall-istennija għar-riżultati tas-selezzjonijiet il-ġodda CAST 2010 u minħabba d-dewmien fit-testijiet tal-profili f'dan il-CAST 2010. Ir-riżultati ta' dawn it-testijiet għandhom jippermettu l-finalizzazzjoni tas-selezzjoni, skont id-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' Implimentazzjoni, u mbagħad ir-reklutaġġ tal-kandidati li jkollhom suċċess bħala Aġenti Kuntrattwali 3a.

Dan huwa, barra minnhekk, ikkonfermat mit-tabella segwenti li tiġbor fiha n-numru ta' kuntratti ġodda ffirmati kull sena.

**Evoluzzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni[1]:**

| Sena | GFIV | GFIII | GFII | GFI | Total | Żieda annwali (%) | Żieda annwali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

[1] Sors: Rapport tal-Kummissjoni dwar ir-Riżorsi Umani tal-2011

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01/05/2004-31/12/2004 | 49 | 98 | 215 | 148 | **510** | | |
| 2005 | 566 | 477 | 977 | 345 | **2,365** | | |
| 2006 | 1,174 | 500 | 1,069 | 113 | **2,856** | **20.8%** | **491** |
| 2007 | 631 | 472 | 591 | 115 | **1,809** | **-36.7%** | **-1,047** |
| 2008 | 717 | 502 | 872 | 357 | **2,448** | **35.3%** | **639** |
| 2009 | 802 | 431 | 958 | 204 | **2,395** | **-2.2%** | **-53** |
| 2010 | 336 | 186 | 343 | 38 | **903 *** | **-62,3%** | **-1,492** |
| 1/01/2011 – 30/04/2011 | 130 | 189 | 347 | 13 | **679** | | |
| **Total 01/05/04-30/04/2011** | **4,405** | **2,855** | **5,372** | **1,333** | **13,965** | | |
| **Medja 2005-2010** | **704** | **428** | **802** | **195** | **2,129** | | |

*Sors: SYSPER2, il-baġits kollha.*

** Din iċ-ċifra ma tqisx l-AK li biddlu l-grupp tal-funzjoni matul is-sena.. Jekk jitqiesu, il-Kummissjoni amministrat 1176 kuntratt fl-2010.*

## 3. DISTRIBUZZJONI TAL-AĠENTI KUNTRATTWALI TAL-KUMMISSJONI SKONT IS-SESS U SKONT IL-GRUPP TAL-FUNZJONI

Fid-dawl tal-fatt li meta titqies il-kategorija tal-AK, għandu jinżamm amment tal-fatt li f'dal-każ hija kwistjoni ta' approprjazzjonijiet u mhux ta' postijiet, in-numru tal-AK huwa mqassam fl-erba' kategoriji previsti fil-KAAO kif ġej. Pereżempju, dan l-aħħar, wara l-CAST 2010, setgħet tiġi nnutata t-tendenza ta' diversi servizzi li jirriklassifikaw l-AK tagħhom mill-GF II għall-GF III (dan jispjega għaliex kien hemm inqas AK ġodda fl-2010). Fid-dawl ta' allokazzjoni tal-baġit kostanti, proċess bħal dan għandu jnaqqas in-numru totali tal-AK mingħajr ma jnaqqas l-ispiża għalihom.

**<u>Distribuzzjoni irġiel/nisa u skont il-grupp tal-funzjoni:</u>**[2]

[2] Sors: Bullettin tal-Istatistika tal-Kummissjoni

| | | F | | M | | Total: | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GFIV | GFIV18 | 12 | 30,77% | 27 | 69,23% | **39** | **2,01%** |
| | GFIV17 | 16 | 48,48% | 17 | 51,52% | **33** | **1,70%** |
| | GFIV16 | 58 | 31,87% | 124 | 68,13% | **182** | **9,38%** |
| | GFIV15 | 162 | 44,63% | 201 | 55,37% | **363** | **18,71%** |
| | GFIV14 | 397 | 50,77% | 385 | 49,23% | **782** | **40,31%** |
| | GFIV13 | 334 | 61,74% | 207 | 38,26% | **541** | **27,89%** |
| **GFIV** | | **979** | **50,46%** | **961** | **49,54%** | **1940** | **100,00%** |
| GFIII | GFIII12 | 3 | 18,75% | 13 | 81,25% | **16** | **1,58%** |
| | GFIII11 | 23 | 51,11% | 22 | 48,89% | **45** | **4,45%** |
| | GFIII10 | 79 | 49,38% | 81 | 50,63% | **160** | **15,83%** |
| | GFIII09 | 219 | 59,35% | 150 | 40,65% | **369** | **36,50%** |
| | GFIII08 | 275 | 65,32% | 146 | 34,68% | **421** | **41,64%** |
| **GFIII** | | **599** | **59,25%** | **412** | **40,75%** | **1011** | **100,00%** |
| GFII | GFII07 | 50 | 96,15% | 2 | 3,85% | **52** | **2,38%** |
| | GFII06 | 386 | 85,40% | 66 | 14,60% | **452** | **20,71%** |
| | GFII05 | 771 | 85,67% | 129 | 14,33% | **900** | **41,25%** |
| | GFII04 | 642 | 82,52% | 136 | 17,48% | **778** | **35,66%** |
| **GFII** | | **1849** | **84,74%** | **333** | **15,26%** | **2182** | **100,00%** |
| GFI | GFI03 | 0 | | 2 | 100,00% | **2** | **0,24%** |
| | GFI02 | 126 | 29,58% | 300 | 70,42% | **426** | **50,35%** |
| | GFI01 | 197 | 47,13% | 221 | 52,87% | **418** | **49,41%** |
| **GFI** | | **323** | **38,18%** | **523** | **61,82%** | **846** | **100,00%** |
| | **Total:** | **3750** | **62,72%** | **2229** | **37,28%** | **5979** | **100,00%** |

Fil-31 ta' Diċembru 2010, kien hemm 5979 AK fis-servizz tal-Kummissjoni. Il-grupp tal-funzjoni li kien l-aktar rappreżentat kien fil-livell GF II. Dawn il-persuni jwettqu kompiti tas-segretarjat jew kompiti oħra simili, inklużi kompiti ta' kura tat-tfal. L-aktar rappreżentati wara dan il-grupp huma l-AK tal-GF IV u GF III. L-AK tal-GF I jirrappreżentaw biss 15,26% mit-total.

Rigward id-distribuzzjoni skont is-sessi, ninnutaw li, meta mqabbel mad-dejta tas-sena preċedenti, u għall-ewwel darba, in-numru tan-nisa huwa ogħla minn dak tal-irġiel fil-GF IV (50,46%). Id-distribuzzjoni fil-gruppi tal-funzjoni l-oħrajn baqa' simili fl-2009, jiġifieri hemm numru ogħla ta' nisa fil-GF II (84,74%) u III (59,25%) u hemm aktar irġiel fil-GF I (61,82%). Dan jirrifletti li għad hemm tqassim tradizzjonali skont it-tip ta' kompiti mwettqa: kif inqal qabel, il-GF II jikkonsisti essenzjalment f'segretarji jew persuni li jipprovdu kura tat-tfal, filwaqt li l-GF I jikkonsisti l-aktar f'persuni li jwettqu kompiti ta' messaġġiera. Globalment, l-ekwilibriju bejn l-irġiel u n-nisa jinsab stabbli meta kkomparat mas-sena preċedenti: in-nisa jirrappreżentaw 62,72% min-numru totali ta' AK (meta mqabbel ma' 62,01% fl-2009).

## 4. Distribuzzjoni tal-aġenti kuntrattwali tal-Kummissjoni skont in-nazzjonalità[3]

Mill-2005 sal-2010, ta’ min jinnota li l-maġġoranza mis-27 nazzjonalità tal-AK żdiedu b'mod simili, bl-eċċezzjoni tal-AK ta' nazzjonalità Bulgara, Rumena u Ungeriża, li żdiedu aktar. Min-naħa l-oħra, in-numru tal-AK ta' nazzjonalità Irlandiża, Lussemburgiża u Maltija naqas (bi tnaqqis ta' aktar minn 50% għall-AK ta' nazzjonalità Lussemburgiża). In-numru ta' AK mir-Renju Unit baqa' stabbli, mingħajr żieda sinifikanti mill-2005.

Jeħtieġ li jkun hemm distribuzzjoni aħjar tal-informazzjoni dwar l-organizzazzjoni ta' selezzjonijiet ta' AK sabiex l-Istati Membri li huma l-anqas rappreżentati sewwa jkunu jistgħu jżidu n-numru tal-kandidati tagħhom għal dawn il-pożizzjonijiet.

**L-EVOLUZZJONI FIN-NUMRU TA' AK MILL-2005 SAL-2010 SKONT IS-SESS U N-NAZZJONALITÀ**

| | 2005 | | | 2006 | | | 2007 | | | 2008 | | | 2009 | | | 2010 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | F | M | Total: | F | M | Total: | F | M | Total: | F | M | Total: | F | M | Total: | F | M | Total: |
| AT | 15 | 4 | **19** | 18 | 17 | **35** | 21 | 21 | **42** | 28 | 23 | **51** | 32 | 29 | **61** | 33 | 29 | **62** |
| BE | 582 | 289 | **871** | 949 | 419 | **1368** | 987 | 466 | **1453** | 981 | 482 | **1463** | 942 | 496 | **1438** | 924 | 503 | **1427** |
| BU | 16 | 7 | **23** | 63 | 25 | **88** | 87 | 33 | **120** | 100 | 38 | **138** | 128 | 40 | **168** | 138 | 34 | **172** |
| CY | 1 | 5 | **6** | 4 | 4 | **8** | 10 | 6 | **16** | 10 | 6 | **16** | 11 | 7 | **18** | 8 | 5 | **13** |
| CZ | 27 | 8 | **35** | 34 | 15 | **49** | 23 | 14 | **37** | 34 | 13 | **47** | 37 | 14 | **51** | 40 | 19 | **59** |
| DE | 60 | 40 | **100** | 123 | 99 | **222** | 142 | 132 | **274** | 150 | 134 | **284** | 145 | 132 | **277** | 146 | 119 | **265** |
| DK | 13 | 6 | **19** | 27 | 11 | **38** | 24 | 17 | **41** | 21 | 19 | **40** | 22 | 17 | **39** | 22 | 16 | **38** |
| EST | 120 | 74 | **194** | 230 | 131 | **361** | 264 | 159 | **423** | 302 | 187 | **489** | 325 | 204 | **529** | 323 | 204 | **527** |
| EE | 15 | 1 | **16** | 21 | 3 | **24** | 15 | 4 | **19** | 18 | 6 | **24** | 20 | 6 | **26** | 22 | 5 | **27** |
| FI | 27 | 9 | **36** | 36 | 17 | **53** | 40 | 15 | **55** | 36 | 14 | **50** | 48 | 19 | **67** | 49 | 16 | **65** |
| FR | 251 | 131 | **382** | 483 | 316 | **799** | 515 | 355 | **870** | 485 | 349 | **834** | 511 | 362 | **873** | 523 | 365 | **888** |
| GB | 49 | 49 | **98** | 80 | 102 | **182** | 82 | 86 | **168** | 71 | 72 | **143** | 61 | 54 | **115** | 57 | 48 | **105** |
| GR | 45 | 35 | **80** | 74 | 56 | **130** | 88 | 78 | **166** | 96 | 81 | **177** | 101 | 80 | **181** | 118 | 70 | **188** |
| HU | 20 | 9 | **29** | 42 | 15 | **57** | 28 | 25 | **53** | 49 | 29 | **78** | 56 | 30 | **86** | 63 | 32 | **95** |
| IE | 22 | 12 | **34** | 37 | 22 | **59** | 31 | 24 | **55** | 26 | 20 | **46** | 20 | 15 | **35** | 22 | 11 | **33** |
| IT | 256 | 224 | **480** | 448 | 354 | **802** | 521 | 428 | **949** | 547 | 439 | **986** | 584 | 459 | **1043** | 600 | 447 | **1047** |
| LT | 20 | 7 | **27** | 26 | 12 | **38** | 25 | 11 | **36** | 36 | 12 | **48** | 45 | 15 | **60** | 43 | 12 | **55** |
| LU | 6 | 5 | **11** | 9 | 4 | **13** | 10 | 4 | **14** | 4 | 2 | **6** | 3 | 4 | **7** | 3 | 2 | **5** |
| LV | 14 | 9 | **23** | 21 | 9 | **30** | 11 | 7 | **18** | 18 | 5 | **23** | 21 | 7 | **28** | 19 | 8 | **27** |
| MT | 5 | 3 | **8** | 8 | 2 | **10** | 4 | 0 | **4** | 3 | 0 | **3** | 4 | 0 | **4** | 6 | 0 | **6** |
| NL | 29 | 17 | **46** | 46 | 37 | **83** | 43 | 45 | **88** | 33 | 52 | **85** | 31 | 49 | **80** | 32 | 45 | **77** |
| Oħrajn | 7 | 8 | **15** | 19 | 19 | **38** | 19 | 18 | **37** | 14 | 12 | **26** | 11 | 8 | **19** | 11 | 4 | **15** |
| PL | 57 | 17 | **74** | 92 | 38 | **130** | 94 | 41 | **135** | 136 | 50 | **186** | 170 | 53 | **223** | 162 | 54 | **216** |
| PO | 36 | 26 | **62** | 72 | 46 | **118** | 86 | 54 | **140** | 109 | 60 | **169** | 115 | 73 | **188** | 112 | 71 | **183** |
| RO | 26 | 9 | **35** | 79 | 26 | **105** | 103 | 43 | **146** | 134 | 51 | **185** | 171 | 57 | **228** | 169 | 56 | **225** |
| SK | 18 | 12 | **30** | 29 | 15 | **44** | 29 | 14 | **43** | 37 | 18 | **55** | 43 | 19 | **62** | 39 | 26 | **65** |
| SL | 15 | 2 | **17** | 22 | 9 | **31** | 20 | 8 | **28** | 19 | 11 | **30** | 25 | 9 | **34** | 25 | 7 | **32** |
| SE | 18 | 10 | **28** | 35 | 24 | **59** | 42 | 31 | **73** | 53 | 31 | **84** | 50 | 28 | **78** | 41 | 21 | **62** |
| Total | 1770 | 1027 | **2797** | 3127 | 1847 | **4974** | 3364 | 2139 | **5503** | 3550 | 2216 | **5766** | 3732 | 2286 | **6018** | 3750 | 2229 | **5979** |

Fl-2010, in-nazzjonalitajiet li kienu rappreżentati l-aħjar fost il-5979 AK kienu fl-ordni segwenti: il-Belġjani, it-Taljani, il-Franċiżi, l-Ispanjoli u l-Ġermaniżi, segwiti mir-Rumeni u mill-Pollakki. Dan l-ordni ilu kif inhu għall-ewwel nazzjonalitajiet mill-2005. Ir-Rumanija u l-Polonja ilhom fis-6 u fis-7 postijiet mill-2007.

Ir-raġuni għal dan, qabel kollox, huwa l-post fejn l-Istituzzjonijiet Ewropej għandhom is-sede tagħhom. Fil-fatt, hemm tendenza li l-kandidati li jkollhom suċċess jaċċettaw iktar malajr reklutaġġ għal żmien limitat jekk ikunu diġà residenti fil-post fejn tkun tinsab l-Istituzzjoni li toffrilhom impjieg. Ta' min jitfakkar li l-biċċa l-kbira tar-reklutaġġi jsiru fil-livell 3b tal-AK li jipprevedi kuntratt inizjali ta' sena, segwit b'estensjoni ta' sentejn, biex b'hekk jintlaħaq il-massimu ta' tliet snin. Xi drabi huwa għalhekk diffiċli għal kandidat li jkollu suċċess li jħalli l-pajjiż tal-oriġini tiegħu (l-aktar jekk dan ikollu familja) u jmur jistabbilixxi ruħu għal żmien limitat fil-post fejn ikollha s-sede tagħha l-istituzzjoni. L-istess tendenza marbuta mal-post tar-residenza toħroġ mit-tabella dwar id-distribuzzjoni skont in-nazzjonalità fl-istituzzjonijiet l-oħrajn u fl-Aġenziji.

[3] Sors: Bullettin tal-Istatistika tal-Kummissjoni

Ir-raġuni l-oħra hija evidentement l-obbligu li wieħed jgħaddi s-selezzjoni tal-CAST biex jiġi inkluż fil-lista tal-persuni li jistgħu jiġu rreklutati bħala AKs. Pereżempju, hawn isfel hawn id-dejta, mqassma skont in-nazzjonalità, għall-CAST 27 u l-CAST 2010, kif ġiet trażmessa preċedentement bħala parti mid-dejta addizzjonali mitluba għall-2009. Nistgħu ninnutaw li l-maġġoranza tal-kandidati, u tal-kandidati li kellhom suċċess, huma tal-istess nazzjonalitajiet. Infakkru li r-riżultati li jinsabu hawn għall-CAST 2010 jirrigwardaw biss l-ewwel parti tat-testijiet u ma jqisux it-testijiet tal-profili li r-riżultati tagħhom għadhom mhux magħrufa. Huwa għal din ir-raġuni li r-rati ta' suċċess jidhru ogħla għall-CAST 2010 milli kienu għall-CAST 27.

Infakkru madankollu li ma hemmx kwota minima skont in-nazzjonalità. Ir-reklutaġġi jsiru fuq il-bażi tal-profil meħtieġ, tal-ħiliet u tal-għarfien tal-lingwi tal-kandidati. Sa fejn nafu aħna, ma tressqu l-ebda ilmenti dwar diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità ta' kandidat li kellu suċċess.

CAST 27 (data tal-egħluq għall-iskrizzjonijiet: is-27 ta' April 2007)[4]

| Nazzjonalità | Numru ta' kandidati | Numru ta' kandidati li kellhom suċċess | Proporzjon kandidati li kellhom suċċess/nru ta' kandidati | Proporzjon kandidati li kellhom suċċess/Total |
|---|---|---|---|---|
| AT | 771 | 251 | 32,56% | 1,87% |
| BE | 6352 | 2225 | 35,03% | 16,59% |
| BU | 1868 | 593 | 31,75% | 4,42% |
| CY | 106 | 27 | 25,47% | 0,20% |
| CZ | 501 | 170 | 33,93% | 1,27% |
| DE | 2468 | 979 | 39,67% | 7,30% |
| DK | 210 | 82 | 39,05% | 0,61% |
| ES | 3093 | 1162 | 37,57% | 8,66% |
| EE | 210 | 71 | 33,81% | 0,53% |
| FI | 414 | 191 | 46,14% | 1,42% |
| FR | 4609 | 1681 | 36,47% | 12,53% |
| GB | 598 | 201 | 33,61% | 1,50% |
| GR | 1522 | 443 | 29,11% | 3,30% |
| HU | 808 | 332 | 41,09% | 2,48% |
| IE | 234 | 62 | 26,50% | 0,46% |
| IT | 5784 | 2061 | 35,63% | 15,37% |
| LT | 607 | 169 | 27,84% | 1,26% |
| LU | 94 | 29 | 30,85% | 0,22% |
| LV | 222 | 78 | 35,14% | 0,58% |
| MT | 130 | 40 | 30,77% | 0,30% |
| NL | 493 | 203 | 41,18% | 1,51% |
| PL | 1755 | 676 | 38,52% | 5,04% |
| PO | 1038 | 331 | 31,89% | 2,47% |
| RO | 3222 | 840 | 26,07% | 6,26% |
| SK | 521 | 191 | 36,66% | 1,42% |
| SL | 280 | 108 | 38,57% | 0,81% |
| SE | 583 | 215 | 36,88% | 1,60% |
| Total | 38493 | 13411 | | 100,00% |

CAST 02/2010 segretarji u aġenti finanzjarji (data tal-egħluq għall-iskrizzjonijiet: l-14 ta' Ġunju 2010)[5]

4 Sors: L-EPSO
5 Sors: L-EPSO

| Nazzjonalità | Numru ta' kandidati | Numru ta' kandidati li kellhom suċċess | Proporzjon kandidati li kellhom suċċess/nru ta' kandidati | Proporzjon kandidati li kellhom suċċess/Total |
|---|---|---|---|---|
| AT | 49 | 38 | 77,55% | 0,51% |
| BE | 1927 | 1.010 | 52,41% | 13,45% |
| BU | 615 | 468 | 76,10% | 6,23% |
| CY | 26 | 18 | 69,23% | 0,24% |
| CZ | 125 | 91 | 72,80% | 1,21% |
| DE | 273 | 206 | 75,46% | 2,74% |
| DK | 30 | 20 | 66,67% | 0,27% |
| ES | 897 | 655 | 73,02% | 8,72% |
| EE | 48 | 32 | 66,67% | 0,43% |
| FI | 63 | 45 | 71,43% | 0,60% |
| FR | 912 | 534 | 58,55% | 7,11% |
| GB | 104 | 67 | 64,42% | 0,89% |
| GR | 529 | 405 | 76,56% | 5,39% |
| HU | 279 | 220 | 78,85% | 2,93% |
| IE | 41 | 25 | 60,98% | 0,33% |
| IT | 2540 | 1.587 | 62,48% | 21,13% |
| LT | 201 | 155 | 77,11% | 2,06% |
| LU | 18 | 10 | 55,56% | 0,13% |
| LV | 91 | 69 | 75,82% | 0,92% |
| MT | 24 | 15 | 62,50% | 0,20% |
| NL | 55 | 40 | 72,73% | 0,53% |
| PL | 557 | 396 | 71,10% | 5,27% |
| PO | 199 | 128 | 64,32% | 1,70% |
| RO | 1517 | 1.084 | 71,46% | 14,43% |
| SK | 148 | 100 | 67,57% | 1,33% |
| SL | 73 | 54 | 73,97% | 0,72% |
| SE | 56 | 40 | 71,43% | 0,53% |
| **Total** | **11.397** | **7.512** | | 100,00% |

It-tabella li jmiss tippermetti li ssir analiżi tad-distribuzzjoni skont il-grupp tal-funzjoni u n-nazzjonalità. Fl-anness hemm tabelli oħrajn li juru d-distribuzzjoni skont is-sessi. Ta' min jinnota li, kif kien ukoll il-każ għall-uffiċjali, iż-żieda fin-numru ta' nisa fil-livell tal-GF IV hija dovuta, fil-biċċa l-kbira tagħha, għar-reklutaġġ ta' AK li huma ċittadini tal-Istati li saru Membri mill-2004.

## Distribuzzjoni ta' AK nisa skont in-nazzjonalità u skont il-grupp tal-funzjoni:[6]

| | | AU | BEL | BGR | CYP | CZE | DEU | DNK | ESP | EST | FIN | FRA | GBR | GRC | HUN | IRL | ITA | LTU | LUX | LVA | MLT | NLD | POL | PRT | ROM | SVK | SVN | SWE | Oħrajn | Somma: |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GFIV | GFIV18 | 0 | 2 | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | **12** |
| | GFIV17 | 0 | 7 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | **16** |
| | GFIV16 | 0 | 10 | 0 | 1 | 1 | 4 | 0 | 4 | 2 | 0 | 12 | 2 | 1 | 1 | 0 | 9 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 5 | 1 | 1 | 0 | 0 | **58** |
| | GFIV15 | 2 | 21 | 3 | 1 | 1 | 13 | 1 | 20 | 2 | 3 | 30 | 6 | 4 | 3 | 2 | 27 | 3 | 0 | 0 | 0 | 4 | 6 | 3 | 6 | 1 | 0 | 0 | 0 | **162** |
| | GFIV14 | 10 | 28 | 15 | 1 | 5 | 28 | 2 | 46 | 2 | 17 | 77 | 8 | 9 | 4 | 3 | 75 | 5 | 0 | 1 | 0 | 4 | 15 | 10 | 16 | 4 | 6 | 4 | 2 | **397** |
| | GFIV13 | 6 | 22 | 15 | 0 | 6 | 28 | 4 | 24 | 3 | 4 | 56 | 3 | 7 | 7 | 3 | 70 | 5 | 1 | 5 | 2 | 3 | 17 | 9 | 6 | 4 | 9 | 13 | 2 | **334** |
| GFIV | | **18** | **90** | **37** | **3** | **13** | **73** | **7** | **94** | **9** | **24** | **181** | **19** | **22** | **15** | **8** | **185** | **15** | **1** | **7** | **2** | **11** | **40** | **23** | **34** | **10** | **16** | **18** | **4** | **979** |
| GF-OĦRA | GFIII12 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **3** |
| | GFIII11 | 1 | 6 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 5 | 2 | 1 | 0 | 0 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 2 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | **23** |
| | GFIII10 | 1 | 16 | 3 | 0 | 1 | 7 | 1 | 5 | 0 | 1 | 15 | 0 | 3 | 1 | 0 | 13 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 7 | 2 | 0 | 0 | 0 | **79** |
| | GFIII09 | 2 | 65 | 11 | 0 | 1 | 10 | 1 | 23 | 2 | 3 | 30 | 1 | 6 | 1 | 0 | 30 | 4 | 0 | 0 | 0 | 1 | 9 | 8 | 6 | 1 | 0 | 4 | 0 | **219** |
| | GFIII08 | 1 | 28 | 10 | 1 | 4 | 18 | 0 | 30 | 2 | 2 | 24 | 1 | 15 | 3 | 3 | 59 | 3 | 0 | 3 | 0 | 3 | 20 | 6 | 27 | 5 | 1 | 6 | 0 | **275** |
| | GFII07 | 0 | 22 | 3 | 0 | 0 | 0 | 1 | 2 | 0 | 2 | 4 | 1 | 1 | 1 | 1 | 7 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | **50** |
| | GFII06 | 2 | 135 | 14 | 2 | 5 | 9 | 5 | 28 | 2 | 10 | 42 | 8 | 10 | 8 | 3 | 47 | 1 | 2 | 2 | 2 | 7 | 9 | 16 | 11 | 1 | 2 | 1 | 2 | **386** |
| | GFII05 | 6 | 266 | 39 | 0 | 5 | 16 | 3 | 59 | 3 | 4 | 127 | 12 | 22 | 20 | 6 | 72 | 11 | 0 | 1 | 1 | 2 | 27 | 19 | 36 | 6 | 2 | 5 | 1 | **771** |
| | GFII04 | 2 | 169 | 20 | 2 | 9 | 10 | 2 | 52 | 3 | 3 | 65 | 7 | 28 | 12 | 0 | 121 | 8 | 0 | 5 | 1 | 5 | 34 | 18 | 41 | 13 | 4 | 6 | 2 | **642** |
| | GFI02 | 0 | 48 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 10 | 1 | 0 | 13 | 3 | 3 | 0 | 0 | 36 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 7 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | **126** |
| | GFI01 | 0 | 78 | 0 | 0 | 2 | 1 | 0 | 19 | 0 | 0 | 17 | 3 | 7 | 2 | 1 | 28 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 20 | 10 | 4 | 0 | 0 | 1 | 2 | **197** |
| GF-OĦRA | | **15** | **834** | **101** | **5** | **27** | **73** | **15** | **229** | **13** | **25** | **342** | **38** | **96** | **48** | **14** | **415** | **28** | **2** | **12** | **4** | **21** | **122** | **89** | **135** | **29** | **9** | **23** | **7** | **2771** |
| | **Somma:** | **33** | **924** | **138** | **8** | **40** | **146** | **22** | **323** | **22** | **49** | **523** | **57** | **118** | **63** | **22** | **600** | **43** | **3** | **19** | **6** | **32** | **162** | **112** | **169** | **39** | **25** | **41** | **11** | **3750** |

## Distribuzzjoni ta' AK irġiel skont in-nazzjonalità u skont il-grupp tal-funzjoni:[7]

6 Sors: Bullettin tal-Istatistika tal-Kummissjoni
7 Sors: Bullettin tal-Istatistika tal-Kummissjoni

| | | AU | BEL | BGR | CYP | CZE | DEU | DNK | ESP | EST | FIN | FRA | GBR | GRC | HUN | IRL | ITA | LTU | LUX | LVA | NLD | POL | PRT | ROM | SVK | SVN | SWE | Oħrajn | Somma: |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GFIV | GFIV18 | 0 | 5 | 1 | 0 | 1 | 2 | 0 | 1 | 0 | 2 | 3 | 3 | 0 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 27 |
| | GFIV17 | 0 | 4 | 1 | 0 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 | 1 | 3 | 2 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 17 |
| | GFIV16 | 0 | 18 | 2 | 1 | 1 | 13 | 1 | 6 | 1 | 1 | 35 | 5 | 2 | 3 | 0 | 23 | 0 | 0 | 0 | 4 | 1 | 3 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 124 |
| | GFIV15 | 7 | 23 | 4 | 0 | 2 | 12 | 4 | 23 | 0 | 3 | 41 | 7 | 3 | 2 | 1 | 36 | 1 | 0 | 0 | 4 | 7 | 7 | 4 | 2 | 0 | 7 | 1 | 201 |
| | GFIV14 | 15 | 40 | 7 | 2 | 4 | 36 | 4 | 52 | 1 | 1 | 74 | 10 | 8 | 6 | 3 | 69 | 2 | 0 | 1 | 15 | 10 | 10 | 4 | 7 | 1 | 3 | 0 | 385 |
| | GFIV13 | 2 | 26 | 2 | 0 | 3 | 25 | 3 | 23 | 1 | 1 | 49 | 3 | 4 | 4 | 1 | 36 | 2 | 0 | 1 | 4 | 6 | 2 | 2 | 2 | 3 | 2 | 0 | 207 |
| **GFIV** | | **24** | **116** | **17** | **3** | **12** | **90** | **12** | **105** | **3** | **9** | **205** | **30** | **18** | **15** | **5** | **169** | **5** | **0** | **2** | **28** | **24** | **22** | **17** | **13** | **4** | **12** | **1** | **961** |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| GF-OĦRA | GFIII12 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 2 | 0 | 1 | 1 | 0 | 2 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 13 |
| | GFIII11 | 0 | 5 | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 22 |
| | GFIII10 | 0 | 22 | 2 | 0 | 0 | 2 | 0 | 5 | 0 | 1 | 19 | 4 | 1 | 2 | 1 | 13 | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 | 4 | 0 | 81 |
| | GFIII09 | 2 | 37 | 4 | 0 | 2 | 10 | 2 | 10 | 0 | 0 | 24 | 4 | 7 | 2 | 1 | 18 | 1 | 0 | 0 | 4 | 4 | 6 | 9 | 1 | 0 | 1 | 1 | 150 |
| | GFIII08 | 2 | 28 | 1 | 0 | 1 | 3 | 1 | 16 | 1 | 2 | 15 | 1 | 6 | 3 | 1 | 35 | 1 | 0 | 1 | 2 | 5 | 9 | 6 | 4 | 1 | 1 | 0 | 146 |
| | GFII07 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| | GFII06 | 0 | 19 | 2 | 0 | 0 | 3 | 0 | 2 | 0 | 0 | 8 | 0 | 5 | 1 | 0 | 12 | 0 | 0 | 1 | 3 | 1 | 4 | 4 | 1 | 0 | 0 | 0 | 66 |
| | GFII05 | 1 | 39 | 3 | 1 | 2 | 2 | 0 | 11 | 0 | 1 | 22 | 1 | 5 | 5 | 0 | 14 | 1 | 0 | 1 | 4 | 5 | 5 | 6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 129 |
| | GFII04 | 0 | 35 | 3 | 0 | 1 | 5 | 0 | 7 | 0 | 1 | 16 | 4 | 5 | 1 | 0 | 29 | 1 | 0 | 1 | 0 | 8 | 4 | 9 | 4 | 0 | 2 | 0 | 136 |
| | GFI03 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| | GFI02 | 0 | 106 | 0 | 1 | 1 | 2 | 0 | 28 | 0 | 2 | 30 | 3 | 11 | 0 | 3 | 98 | 1 | 1 | 1 | 3 | 1 | 5 | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 300 |
| | GFI01 | 0 | 91 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 19 | 1 | 0 | 18 | 1 | 10 | 2 | 0 | 53 | 0 | 1 | 1 | 0 | 2 | 14 | 3 | 1 | 1 | 0 | 1 | 221 |
| **GF-OĦRA** | | **5** | **387** | **17** | **2** | **7** | **29** | **4** | **99** | **2** | **7** | **160** | **18** | **52** | **17** | **6** | **278** | **7** | **2** | **6** | **17** | **30** | **49** | **39** | **13** | **3** | **9** | **3** | **1268** |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | **Somma:** | **29** | **503** | **34** | **5** | **19** | **119** | **16** | **204** | **5** | **16** | **365** | **48** | **70** | **32** | **11** | **447** | **12** | **2** | **8** | **45** | **54** | **71** | **56** | **26** | **7** | **21** | **4** | **2229** |

## 5. DISTRIBUZZJONI TAL-AĠENTI KUNTRATTWALI TAL-KUMMISSJONI SKONT IS-SERVIZZ

Fit-taqsima li jmiss, id-dejta dwar l-AK ġiet klassifikata skont id-Direttorat Ġenerali (minn hawn 'il quddiem DĠ). Minħabba li d-Direttorati Ġenerali u s-servizzi jirċievu baġit għar-reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali u mhux postijiet tax-xogħol, huwa diffiċli ħafna biex jinġibdu konklużjonijiet ġenerali, peress li kull wieħed minnhom jiddefinixxi l-politika proprja tiegħu biex jirreaġixxi għal bżonnijiet preċiżi. Madankollu, mill-kuntatti tagħna mas-servizzi, aħna nikkonkludu li l-approprjazzjonijiet allokati għall-politika ta' sostituzzjoni ta' persunal assenti jippermettu li tinżamm kontinwità fis-servizz u li s-sitwazzjoni ma tkunx daqstant sodisfaċenti mingħajr dawn is-sostituzzjonijiet temporanji.

Għandu jiġi enfasizzat li, mill-1 ta' Jannar 2011, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) assorba l-maġġoranza tal-AK li jaħdmu għad-DĠ RELEX u għad-Delegazzjonijiet. Dan ir-rapport jirrigwarda l-istatistika tas-sena 2010 u għalhekk ma ntlaqatx minn dil-bidla istituzzjonali iżda r-rapport li jmiss se juri differenzi kbar fid-distribuzzjoni tal-AK skont id-DĠ wara l-ħolqien ta' din l-istituzzjoni l-ġdida.

## 5.1. Distribuzzjoni skont is-sess u skont il-grupp tal-funzjoni[8]

| | GFIV | | GFIV | GF-OĦRA | | GF-OĦRA | Total: |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | F | M | | F | M | | |
| SG | 2 | 1 | **3** | 16 | 13 | **29** | **32** |
| SJ | 1 | 4 | **5** | 12 | 1 | **13** | **18** |
| COMM | 40 | 25 | **65** | 201 | 88 | **289** | **354** |
| BEPA | 2 | 0 | **2** | 3 | 1 | **4** | **6** |
| ECFIN | 3 | 8 | **11** | 15 | 8 | **23** | **34** |
| ENTR | 18 | 14 | **32** | 57 | 17 | **74** | **106** |
| COMP | 10 | 9 | **19** | 31 | 19 | **50** | **69** |
| EMPL | 18 | 12 | **30** | 70 | 20 | **90** | **120** |
| AGRI | 17 | 17 | **34** | 23 | 18 | **41** | **75** |
| MOVE | 6 | 6 | **12** | 42 | 14 | **56** | **68** |
| ENER | 8 | 5 | **13** | 23 | 7 | **30** | **43** |
| ENV | 8 | 2 | **10** | 28 | 5 | **33** | **43** |
| CLIMA | 2 | 1 | **3** | 6 | 0 | **6** | **9** |
| RTD | 66 | 59 | **125** | 260 | 101 | **361** | **486** |
| JRC | 49 | 63 | **112** | 175 | 101 | **276** | **388** |
| INFSO | 21 | 38 | **59** | 119 | 55 | **174** | **233** |
| MARE | 12 | 13 | **25** | 23 | 7 | **30** | **55** |
| MARKT | 5 | 8 | **13** | 25 | 8 | **33** | **46** |
| REGIO | 13 | 9 | **22** | 43 | 14 | **57** | **79** |
| TAXUD | 5 | 2 | **7** | 4 | 3 | **7** | **14** |
| EAC | 6 | 3 | **9** | 11 | 25 | **36** | **45** |
| SANCO | 25 | 12 | **37** | 55 | 16 | **71** | **108** |
| HOME | 2 | 1 | **3** | 9 | 2 | **11** | **14** |
| JUST | 4 | 2 | **6** | 16 | 5 | **21** | **27** |
| RELEX | 6 | 12 | **18** | 57 | 20 | **77** | **95** |
| TRADE | 9 | 3 | **12** | 23 | 6 | **29** | **41** |
| DEV | 17 | 9 | **26** | 14 | 4 | **18** | **44** |
| ELARG | 47 | 35 | **82** | 62 | 20 | **82** | **164** |
| AIDCO | 91 | 66 | **157** | 187 | 50 | **237** | **394** |
| ECHO | 5 | 8 | **13** | 31 | 9 | **40** | **53** |
| ESTAT | 13 | 11 | **24** | 40 | 18 | **58** | **82** |
| HR | 2 | 1 | **3** | 61 | 47 | **108** | **111** |
